QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD
B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Malcolm Vassallo**

**Illum 24 ta' Mejju 2021**

**Distrett - Valletta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Malcolm Vassallo**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 140280(M) billi huwa akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Jannar 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ircieva minghand xi haddiehor u cioe` Joanne Sciberras jew kiseb minghand xi haddiehor u cioe` Joanne Sciberras xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew

xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li hu permess bil-ligi.

2. Akkuzat ukoll talli kkawza lil haddiehor u cioe` lil Joanne Sciberras biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

3. Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

4. Akkuzat aktar ukoll talli ddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar.

5. Akkuzat aktar talli bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtoritajiet kompetenti b'reati, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kif wkoll il-kontro-eżamijiet li saru mid-difiża kif wkoll rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti mill-partijiet.

Semgħet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur preżentata fis-sittax (16) ta' Marzu 2021 (Fol. 335 et seq)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Malcolm Vassallo preżentata fis-sitta (6) ta' April 2021 (Fol. 339 et seq).

Rat il-verbal tal-ħmistax (15) ta' Marzu 2021 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta tallum sabiex tingħata s-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Sinteżi tal-Provi Miġbura</u>**

Fis-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2018, **<u>l-Ispettur Anne Marie Xuereb</u>** (Fol. 11) esebiet numru ta' dokumenti relattivi għall-każ, liema dokumenti imbagħad hija għamlet riferenza għalihom meta ġiet biex tixhed fuq il-każ. Fis-seduta imbagħad tad-disgħa (9) ta' Mejju 2018 hija tat id-dettalji kollha relattivi għall-każ odjern. Spjegat kif fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2017 l-imputat flimkien ma' Paul Gauci kienu marru fid-Depot tal-Pulizija fejn għamlu rapport kontra Joanne Sciberras fis-sens li Sciberras kienet wettqet misapproprjazzjoni tas-somma ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) għad-dannu tal-imputat u Gauci. L-imputat kien irrapporta li huwa ta s-somma ta' sitt elef ewro (€ 6,000) lil Sciberras biex hija tkun tista' iġġib container xorb. Mill-bejgħ tagħhom huwa kellu jiġbor l-ammont maħruġ kif wkoll il-qliegħ. Wara ftit taż-żmien, Sciberras qaltlu li kellha problemi mad-Dwana u talbitu ammont ta' erbat

elef ewro (€ 4,000) oħra. Dan l-ammont kien ħarġu Paul Gauci. Spjegat li kienu saru żewġ skritturi quddiem l-Avukat Dr Louiseanne Pulis: waħda saret bejn Malcolm Vassallo u Joanne Sciberras u l-oħra bejn Paul Gauci u Joanne Sciberras. L-iskritturi kienu jkopru s-somma ta' għaxart elef u ħames mitt ewro (€ 10,500). Il-ħames mitt ewro (€ 500) kellhom jkun imgħax fuq l-ammont misluf. Peress li n-negozju tal-container qatt ma immaterjalizza ruħu, l-imputat talab il-flus lura. Joanne Sciberras għaddieltu żewġ cekkijiet ta' sitt elef ewro (€ 6,000) 'l wieħed maħruġin minn certu John Mary Agius, liema cekkijiet baqgħu qatt ma issarrfu minkejja li Joanne Sciberras għaddiet affidavit lill-imputat fejn assikuratu li dawn kienu sejrin jiġu onorati fiż-żmien qasir.

L-Ispettur kompliet tixhed kif hi kienet bagħtet għal John Mary Agius u saqsietu dwar dawn ic-cekkijiet. Hu qal li kienet talbithomlu Joanne Sciberras bħala garanzija biex turihom lil xi ħadd. Kellmet wkoll lin-Nutar li quddiemu Joanne għamlet l-affidavit li c-cekkijiet kienu sejrin jiġu imsarrfa fejn qal li Joanne Sciberras kienet konvinta li c-cekkijiet sejrin jissarrfu.

Meta l-Ispettur bagħtet għal Joanne Sciberras, din tatha storja kompletament differenti u sostniet magħha li hija kienet issellfet biss l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) mingħand l-imputat u li fl-ebda ħin ma kienet semmiet negozju tax-xorb miegħu. L-Ispettur bagħtet għall-imputat u Paul Gauci u f'konfront li sar bejniethom ħadd ma qabel ma' ħadd. Min-naħa tagħha Joanne kompliet tinsisti li hija kienet issellfet biss is-somma ta' elfejn ewro (€ 2,000) mingħand l-imputat u li din is-somma telgħet imbagħad għal tnax -il elf ewro (€ 12,000). Joanne sostniet wkoll

li hija ma kinitx iltaqgħet ma' Paul Gauci. Paul informa lill-Pulizija li huwa kien ta l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) lill-imputat biex dan jgħaddihom lil Sciberras. Pero qatt ma kien preżenti meta l-imputat għadda l-flus lil Sciberras.

B'riferenza għad-dokument li kien qed jgħid li Paul Gauci kellu jieħu lura mingħand Joanne Sciberras l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) l-Ispettur spjegat li Gauci kien qalilha li kien saqsa dwar Joanne u kien sar jaf li din kellha problemi finanzjarji u li x'aktarx li ma kien se jieħu xejn mingħandha. Kien għalhekk li huwa kien accetta li jitħallas elfejn ewro (€ 2,000) biss minflok l-erbat elef ewro (€ 4,000).

L-Ispettur xehdet li hija ħadet stqarrija tal-imputat fejn dan insista magħha li l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) Paul Gauci kien tahom direttament lil Joanne Sciberras u li l-iskrittura bejnu u bejn Gauci kienet saret biss biex Gauci ma jidholx fi problemi mal-mara tiegħu.

L-Ispettur kellmet wkoll lil Dr Louiseanne Pulis fejn din ikkonfermat li l-iskritturi kienu saru minnha u li quddiemha kienu għaddew biss l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000). Il-bqija tal-ammonti oħrajn imsemmijin ma kinux għaddew quddiemha.

Kienet saret wkoll tfittxija fir-residenza tal-imputat. Meta kien ġie mistoqsi jekk kellux propjetajiet oħra, huwa wieġeb fin-negattiv. Pero mid-dokumenti li kienu ġew elevati instab li huwa kellu garaxxijiet oħra li huwa kien qed jikrihom u li imbagħad kien qed jerġa jikrihom lil ħaddieħor.

L-Ispettur għamlet wkoll analiżi tal-istatments tal-Bank tal-imputat minn fejn irriżulta li huwa ma kienx fil-posizzjoni li jsellef l-ammont ta' sitt elef ewro (€ 6,000). Meta rinfaccjat b'dan, l-imputat qal li huwa kien jinnegozja fil-ħamiem u fil-ġwież.

Ix-xhud ippreżentat wkoll l-ircevuti tal-ħlasijiet li kienet qed tagħmel Sciberras lill-imputat fejn f'ħin minnhom l-ammont dovut deher li qed jiżdied u mhux jonqos. Dan meta kienu qegħdin isiru l-pagamenti akkont. Skont dawn id-dokumenti irriżulta li l-imgħax kien ġie kalkulat bil-ħamsin fil-mija (50%).

**In kontro-eżami** fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2019 (Fol. 218 et seq), l-Ispettur Xuereb ikkjarifikat li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2016, Joanne Sciberras kienet ħallset ħames mitt ewro (€ 500) u mhux ħamest elef ewro kif indikat l-Ispettur fix-xhieda oriġinali tagħha.

**Joanne Sciberras** (Fol. 30 et seq) xehdet li hija kienet issellfet l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) mingħand Malcolm Vassallo u li hija kienet spiccat ħallset flus lura ferm aktar minn dak li hija kienet issellfet mingħandu. Sostniet li lill-imputat u lil Paul Gauci kienet tathom b'kollox tnax -il elf ewro (€ 12,000). Rigward is-self ta' elfejn ewro (€ 2,000) li kien sar, spjegat li kienu għamlu skrittura għand l-Avukat Pulis fejn ġie dikjarat li hija kienet issellfet l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000). Ġie dikjarat wkoll li precedentement għal dik id-data, Joanne kienet issellfet mingħand l-istess Malcolm Vassallo l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000). Ix-xhud

kompliet tgħid li lill-Avukata Pulis ma kinitx qaltilha li l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) hija ma kinitx issellfithom.

Ix-xhud xehdet li dak iż-żmien hija kienet qegħda tiġi mhedda minn certu persuna Manfred Cricciola u talbet lin-neputi tal-imputat biex tara jekk kienx jaf xi ħadd li jsellef il-flus. Kien b'hekk li hija saret taf lill-imputat. Meta l-imputat accetta li jsellifha, kien qalilha li miegħu kien hemm persuna involuta certu Paul Gauci. Lil Paul Gauci ratu l-ewwel darba meta saret laqgħa bejn l-Avukati rigward il-flus li kienu ġew mislufa peress li ma kienx hemm qbil fuq l-ammonti. Kompliet tgħid li Paul Gauci kien beda jcemplilha u jitlobha l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) għax beda jgħidilha li huwa kien għadda erbat elef ewro (€ 4,000) lill-imputat biex jgħaddihom lilha. L-imputat kien anke qalilha biex tmur u tiffirma karta oħra quddiem l-Avukat Pulis li hija kienet issellfet l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) mingħand Gauci. Insistiet wkoll li l-imputat kien qiegħed jheddidha bil-pulit u dan wassalha biex tgħix ġo certu biża.

Spjegat wkoll li meta hija ma kinitx tħallas fil-ħin l-ammont li hija kellha tagħti kien dejjem jizdied u tali zieda kienet tkun sostanzjali. Semmiet kif darba minnha kellha bilanc ta' tlett elef ewro (€ 3,000) u għaliex ma marritx tħallas meta ried l-imputat, il-bilanc tela' għal erbat elef u mitejn ewro (€ 4,200). F'Dicembru 2015, l-imputat tella' l-ammont li hija kellha taghtih għal tnax -il elf ewro (€ 12,000). Ix-xhud ippruvat tissellef dawn il-flus mingħand ħaddieħor u dan billi certu John Mary Agius għaddihielha zewg cekkijiet ta' sitt elef ewro (€ 6,000) 'l wieħed. Peress li dawn ma issarrfux, hija kienet anke għamlet affidavit lill-imputat li dawn kienu sejrin jissarrfu.

B'riferenza għall-iskrittura ma' Paul Gauci, ix-xhud iddikjarat li Paul Gauci ma kienx prezenti meta saret l-iskrittura. L-imputat biss kien prezenti. L-iskrittura ħadha miegħu hu. Ix-xhud temmet tgħid li hija elfejn ewro (€ 2,000) biss kienet issellfet mingħand l-imputat. Pero hija spiccat tatu flus ħafna aktar.

**<u>In kontro-eżami</u>** li sar fis-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Lulju 2019 (Fol. 224 et seq), Joanne Sciberras xehdet li hija kellha bżonn tissellef elfejn ewro (€ 2,000) għax kienet għaddejja minn problemi finanzjarji. Hija caħdet li kienet għamlet xi negozju mal-imputat. Hija kienet saret taf bl-imputat għaliex bintha xtrat speaker mingħand in-neputi tiegħu u hija kienet saqsiet lin-neputi tal-imputat jekk kienx jaf lil xi ħadd li jsellef il-flus. Dan kien indikalha lil zijuh l-imputat. Kien għalhekk li hija għamlet kuntatt miegħu. Kienet iltaqgħet miegħu Ħaż-Żabbar. Meta reġgħet iltaqgħet għat-tieni darba miegħu, hu qalilha li jekk kien sejjer isellfiha elfejn ewro (€ 2,000) huwa ried disat elef ewro (€ 9,000) lura. Eventwalment reġa sar kuntatt mal-imputat u qalilha li kien dispost li jnaqqas l-ammont għal sitt elef ewro (€ 6,000) talli jagħtiha elfejn ewro (€ 2,000). Peress li hija accettat, marru quddiem l-Avukat Pulis u hemmhekk għaddihielha l-elfejn ewro (€ 2,000). Ikkonfermat li l-erbat elef ewro (€ 4,000) imsemmijin fl-iskrittura u li kienu tħallsu qabel ma kinux jeżistu. Spjegat wkoll li elf ewro (€ 1,000) mill-elfejn (€ 2,000) kien ħariġhom sieħbu Paul Gauci.

Mistoqsija jekk hija għamlitx l-ewwel pagament fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2016, hija wieġbet fin-negattiv. Kienet għamlet pagament aktar

qabel fl-aħħar tas-sena 2015. Ta' dan il-pagament ma kinitx saret ricevuta. Kienet qabdet u ħallset għaliex l-imputat kien heddidha bil-pulit.

Ix-xhud kompliet tgħid li imbagħad beda jcemplilha Paul Gauci. Hija sostniet li ma' dan Gauci hija qatt ma kienet iltaqgħet.

Ix-xhud qalet li l-ircevuti kienet tippreparahom quddiem l-imputat stess u waħda kien jeħodha hu u oħra iżommha hi.

Fuq mistoqsija tad-difiza għaliex hija kienet tat żewġ cekkijiet ta' sitt elef ewro (€ 6,000) 'l wieħed, ix-xhud wieġbet li kienet għamlet hekk biex teħles mill-imputat għaliex kien jheddidha bil-pulit. L-affidavit kienet għamlitu sabiex tiggarantixxi li c-cekkijiet kienu sejrin jissarrfu.

**Dr Marisa Mifsud** (Fol. 38) għamlet traskrizzjoni tal-istqarrijiet awdjo vizivi li ġew rilaxxati mill-imputat lill-Ispettur Xuereb.

**Paul Gauci** (Fol. 116 et seq) xehed li huwa kien jaħdem mal-imputat bħala security l-Isptar Mater Dei. Spjega li l-imputat kien iltaqa' miegħu u qallu jekk riedx jidħol f'negozju sabiex jinġabu ilma għax-xorb u luminati. Hu kellu joħroġ erbat' elef ewro (€ 4,000) u kien se jibqagħlu ħames mitt ewro (€ 500) qliegħ. Ix-xhud kompla li huwa għadda l-flus lill-imputat u dan iffirmalu karta li kien ħadhom. Għaddew xi xahrejn u peress li ma kien ġara xejn, Gauci kien avvicina lill-imputat biex jara kif se jibqa' fuq il-flus. Sa dakinhar, Gauci kien għadu ma iltaqax ma' Joanne Sciberras. Kompla jgħid li imbagħad kienu marru għand l-Avukata Dr Pulis u din ħaditilhom id-dettalji. Joanne Sciberras kienet prezenti. Pero dakinhar

ma kien ġie iffirmat xejn. Għadda xi xahar u l-imputat infurmah biex imur jiffirma għand l-Avukat. Il-firma ta' Joanne Sciberras kienet ġia fuq il-karta.

Ix-xhud stqarr li imbaghad huwa sar jaf li Joanne Sciberras kellha problemi finanzjarji u kienu qalulu li kien se jkollu problema biex jiġbor flusu għax kellha tagħti lill-ħafna. Kien għalhekk li wasal f'arranġament magħha biex tgħaddilu elfejn ewro (€ 2,000) minflok erbat elef (€ 4,000).

Rigward l-erbat elef ewro (€ 4,000) Gauci ikkonferma li huwa kien għadda dawn il-flus lil Malcolm minkejja li Malcolm beda jgħid li huwa ma kienx rcieva dawn il-flus. Kompla jgħid li Malcolm kien insista miegħu biex jgħid li hu ma kienx tah flus u dan biex ma jiġix akkużat b'użura.

Temm jgħid li d-decizjoni biex isir ir-rapport kienet tiegħu biex jara jiġborx il-flus li kien ħareġ.

**<u>In kontro-eżami</u>** li sar fis-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Lulju 2019, Gauci ikkonferma li huwa kien ta erbat elef ewro (€ 4,000) lill-imputat. Hu kien tahomlu għaliex l-imputat kien qallu li hemm waħda li sejra iġġib xorb minn barra u riedet il-flus u li hu kien se jaqla ħames mitt ewro (€ 500). Wara xi perijodu ta' żmien, huwa kien saqsa lill-imputat rigward dawn il-flus u l-imputat qallu li kienu se jmorru għand l-Avukat Pulis u li kienet sejra issir karta għand l-istess Avukat. L-Avukat Pulis ħadet id-dettalji personali tagħhom. Dakinhar kienu t-tlieta li huma. Pero ma kienu iffirmaw xejn.

Kompla jgħid li huwa imbagħad akkwista n-numru ta' Joanne Sciberras u beda jcemplilha biex jara kif se jibqgħu fuq il-flus. Hi bdiet tgħidlu li lilha ma kienx taha flus. Meta saqsieha kemm kien taha Malcolm, hija qaltlu li kien taha disa' mitt ewro (€ 900) u qatgħetlu l-linja. Eventwalment marru għand l-Avukat Pulis biex jiffirmaw il-karta. Joanne Sciberras pero ma kinitx hemm. Pero sab il-firma ta' Joanne lesta fuq l-iskrittura. Ix-xhud irrefera wkoll kif id-dettalji tiegħu fuq l-iskrittura ma kinux korretti pero l-Avukat kienet qaltlu li l-important li n-numru tal-karta tal-identita kien jaqbel.

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm karta li huwa għadda erbat elef ewro (€ 4,000) lil Malcolm u karta oħra bejnu u bejn Joanne Sciberras fejn din tal-aħħar kellha tagħtiha erbat elef u ħames mitt ewro (€ 4,500). Il-ħames mitt ewro (€ 500) kienu l-qliegħ li kien se jkollu.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kien tħallas disa' mitt ewro (€ 900) mingħand Joanne Sciberras. Mingħand l-imputat ma kien rcieva xejn. Ix-xhud spjega li huwa kien accetta li jircievi biss elfejn ewro (€ 2,000) mingħand Joanne Sciberras għaliex kienu qatgħulu qalbu li kien se jiġborhom minħabba l-problemi finanzjarji li kellha. Ix-xhud ikkonferma li kull darba li kien jircievi xi pagament, Joanne Sciberras kienet tikteb l-ircevuta quddiemu.

**<u>In ri-eżami</u>** ix-xhud indika li waqt li kienu fl-ufficju tal-Ispettur Xuereb kienet inqalgħet kwistjoni fuq dawn l-erbat elef ewro (€ 4,000) għaliex l-imputat beda jgħid li Gauci ma kienx għaddihielu flus. L-imputat beda jsostni li hu kien iffirmalu l-karta mhux għax kien ħa xi flus mingħandu

iżda sempliciment biex Gauci ma jkollux problema mal-mara. Sostna li kien l-imputat li insista miegħu li jgħid din il-verżjoni u cioe li Gauci ma kienx ta flus lill-imputat iżda li l-imputat kien iffirmalu biex Gauci ma jkollux problemi ma' martu. Kien sostna miegħu biex jgħid hekk għaliex imbagħad kienu sejrin jakkużawh b'użura għaliex kien se jiġi li se jkun ġabar erbat elef ewro (€ 4,000) mingħand l-imputat u erbat elef u ħames mitt ewro (€ 4,500) mingħand Joanne Sciberras. Gauci qal wkoll li l-kwisjtoni dwar in-negozju tal-container dejjem mingħand l-imputat semagħha u Sciberras qatt ma qaltlu xejn f'dan ir-rigward.

**Fil-kontro-eżami** ulterjuri tiegħu x-xhud ma ftakarx li kien sar xi diskors fuq negozju dakinhar li marru biex jagħtu d-dettalji personali tagħhom lill-Avukata. Hu kien ħalla kollox f'idejn l-imputat.

**Dr Louise Anne Pulis** (Fol. 124 et seq) xehdet li hija kienet għamlet zewġ skritturi fuq struzzjonijiet tal-imputat. Hija kienet wissietu li Joanne Sciberras kellha problemi finanzjarji u li x'aktarx kien se jkun difficli biex huwa jithallas lura mingħandha. Pero hu qalilha li xi ħadd minn xi Ministeru kien qallu li vera kellha container bix-xorb ġej u li la darba jinbiegħ huwa kien sejjer jitħallas minn hemm. Mistoqsija jekk l-imputat u Joanne Sciberras kinux iffirmaw quddiemha, hija wieġbet fl-affermattiv. Qalet wkoll li kienu iffirmaw fil-presenza ta' xulxin. Pero fil-kaz tal-iskrittura bejn Paul Gauci u Joanne Sciberras, dawn ma kinux iffirmaw quddiemha.

B'riferenza għall-iskrittura bejn Malcolm u Joanne Sciberras, ix-xhud ikkonfermat li quddiemha kienu għaddew is-somma ta' elfejn ewro (€

2,000). Joanne Sciberras kienet assikuratha wkoll li qabel dik id-data hija kienet rceviet erbat elef ewro (€ 4,000) oħra f'zewġ pagamenti separati.

Għar-rigward l-iskrittura bejn Paul Gauci u Joanne Sciberras, ix-xhud qalet li dawn it-tnejn qatt ma kienu iltaqghu flimkien quddiemha. Lil Paul Guaci ratu meta saret laqgha l-Qorti bejn l-imputat, Joanne Sciberras u l-Avukati rispettivi tagħhom u Gauci kien ġie mal-imputat.

**Joseph Saliba** (Fol. 133) in rapprezentanza tal-Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-imputat.

**Joanne Bartolo** (Fol. 135) għan-nom tal-Bank of Valletta ipprezenta l-istatements ta' erba' (4) kontijiet tal-imputat: tlieta (3) f'isem l-imputat personali u ieħor joint ma' certu Carmel Zammit.

**Jeanette Lepre** (Fol. 182) għan-nom ta' Lombard Bank iddikjarat li l-Malcolm Vassallo ma kellux kontijiet f'ismu jew flimkien ma' terzi l-Bank.

**Alison Mifsud Brimmer** (Fol. 184) għan-nom tal-HSBC wkoll xehdet li Malcolm Vassalo ma kellux kontijiet u investimenti mal-Bank bejn Jannar 2015 u Awissu 2017.

**Stephen Baldacchino** (Fol. 186) għan-nom tal-BNF Bank wkoll xehed li Malcolm Vassallo ma kellu l-ebda kontijiet mal-Bank.

**David Galea** (Fol. 188) għan-nom tal-APS Bank xehed li Malcolm Vassallo qatt ma kellu kontijiet mal-Bank.

**L-Ispettur William Scicluna** (Fol. 190 et seq) ikkonferma li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2017 kien sar rapport kontra Joanne Sciberras mill-imputat u persuna oħra rigward negozju dwar xi xorb.

**PC 142 Joseph Camilleri** (Fol. 192 et seq) xehed li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2017 l-imputat u certu Paul Gauci kien għamlu rapport kontra Joanne Sciberras rigward container li huma kienu daħlu sħab magħha fuqu.

**PC 724 Marco Pisani** (Fol. 204 et seq) xehed li fl-għaxra (10) ta' Awissu 2017 huwa kien preżenti għall-konfront li sar bejn Joanne Sciberras, Paul Gauci u l-imputat. Spjega li Joanne kienet qed tgħid li hija issellfet biss elfejn ewro (€ 2,000) mingħand l-imputat filwaqt li Gauci kien qed jgħid li hu ta erbat elef ewro (€ 4,000) lill-imputat biex jgħaddihom lil Joanne Sciberras. Kienet anke ġiet iffirmata skrittura bejn Paul Gauci u l-imputat rigward dawn l-erbat elef ewro (€ 4,000). L-imputat sostna li Gauci ma kienx tah l-erbat elef ewro (€ 4,000) iżda kien iffirma l-iskrittura biex jagħmel pjacir lil Paul Gauci ħalli ma jkollux problemi mal-mara.

Ix-xhud spjega li huwa kien involut fit-tfittixijiet li saru fir-residenza tal-imputat minn fejn kienu elevaw xi dokumenti u anke computers. Mid-dokumenti elevati imbagħad irriżulta li l-imputat kellu indirizz ta' garaxx ieħor u saret wkoll tfittxija f'dan il-garaxx. It-tfittxija kienet intiża sabiex jinstabu kotba u ricevuti li l-imputat seta' għamel lil Joanne Sciberras. Ix-xhud kompla jgħid li meta l-imputat kien mistoqsi kif seta' ġab certu flus huwa kien wieġeb li jagħmel breeding tal-klieb, li kellu xi ħamiem u li

kien anke jbiegħ il-ġwież. Ix-xhud spjega li huwa għamel eżercizzju fejn qabad l-ircevuti kollha li kienet tatu Joanne Sciberras u li kienu ġew mgħoddija lilha kull darba li hija għaddiet flus lill-imputat. Ix-xhud għamel riferenza għall-ircevuta tat-28 ta' April 2016 fejn kien hemm imniżżel li l-ammont kien żdied bi tmienja fil-mija (8%) mentri fi-verita dan kien żdied b'ħamsin fil-mija (50%). Temm jgħid li Joanne kienet qaltlu li għamlet ħlas ulterjuri ta' elf u seba' mitt ewro (€ 1,700). Pero ta' dan il-ħlas ma kien hemm l-beda ricevuta.

**L-imputat Malcolm Vassallo** (Fol. 271 et seq) xehed li huwa sar jaf lil Joanne Sciberras meta kienet marret Ħaż-Żabbar għaliex kienet qegħda tipprova tixtri mobile mingħand in-neputi tiegħu. Hu ma kienx kellimha dakinhar. It-tieni darba kien raha meta hu kien xogħol l-Isptar Mater Dei u kien cempillu parker li kien hemm waħda li kienet qalgħet kwistjoni għaliex riedet tipparkja f' żona riżervata. It-tnejn bdew jitkellmu għax hi qaltlu li kienet tafu. Għall-ewwel bdiet tgħidlu li kellha problemi bit-tqala u imbgħad qabditlu fuq in-negozju u saqsietu jekk kienx imħajjar jidħol f'negozju magħha rigward importazzjoni ta' xorb. Minn hemm kienu iltaqgħu t-tieni darba u wrietu xi karti fuq xi xorb. Ftehmu li hu kellu joħroġ sitt elef ewro (€ 6,000) u hi kienet se toħroġ sehemha u minnu kienu sejrin jaqilgħu erbat elef ewro (€ 4,000). Sostna li kienet marret wkoll biex turih garaxx fejn kien se jinħażen ix-xorb. Pero kienet ġabet cavetta ħażina u ma setgħux jidħlu fil-garaxx. Spjega li huwa kien taha żewġ pagament ta' elfejn ewro (€ 2,000) f'żewġ okkażżjonijiet differenti. Ma kinux saru ricevuti. Imbagħad kien għaddihielha l-aħħar pagament ta' elfejn ewro (€ 2,000) u saret skrittura għand l-Avukat Pulis għall-ammont intier.

Kompla jgħid li darba minnhom Joanne Sciberras cemplitlu u qaltlu li kienet inqalgħet problema mad-Dawna u li riedet erbat elef ewro (€ 4,000) oħra. Kien b'hekk li daħal Paul Gauci. Hu kien laqqagħhom it-tnejn ma' xulxin u Gauci kien għadda l-flus direttament lil Joanne Sciberras. B'riferenza għall-iskrittura fejn jingħad li hu (cioe Malcolm) issellef l-ammont mingħand Gauci, l-imputat stqarr li kien iffirma din il-karta biex lil Gauci jgħattilu biex ma jkollux problemi mal-mara. Sostna li kien imdorri jgħattilu lil Gauci.

Mistoqsi kemm kien rcieva mill-ammont ta' sitt elef ewro (€ 6,000), ix-xhud wieġeb li jikkalkula li kien ircieva l-ammont ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€ 4,500). Spjega li kull darba li kienet tagħtih il-flus, hija kienet tiġi bl-ircevuta lesta u huwa kien jiffirmaha. Qatt ma kiteb karti hu. L-unika dokument li kien kiteb hu kien fuq il-fotokopja tac-cekkijiet li kienet għaddietlu. Dawn ic-cekkijiet kienu ġew mgħoddija lil Joanne biex hija tħallas dejn li qed jakkumula u kienet talbitu biex imur il-Bank biex issarrafhom hu. Rigward l-iskrittura li saret bejn Paul Gauci u Joanne Sciberras, l-imputat xehed li huwa kien ikkoordina biex saret din l-iskrittura.

B'riferenza għall-fatt li hu ma kienx fil-posizzjoni finanzjarja li jsellef il-flus, l-imputat sostna li huwa ġieli għamel part-time job bħal kisi u xogħlijiet żgħar u kien anke jibbridja l-klieb.

**<u>In kontro-ezami</u>** (Fol. 282), ix-xhud ikkonferma li meta huwa għamel ir-rapport oriġinali ma kienx informa lill-Pulizija li kien qed jieħu r-rapport

li Joanne Sciberras kienet ħallsitu parti mill-ammont li kellu jieħu. Sostna li ma kienx qal hekk għax ħadd ma saqsieh. Huwa caħad li n-neputi kien laqqgħu biex huwa jislifha l-flus.

Mistoqsi għalfejn fl-okkażżjoni tal-istqarrija qatt ma kien qal li Paul Gauci kien għadda l-flus direttament lil Joanne Sciberras fl-Isptar Mater Dei u għaliex hu kien qal li l-flus Gauci għaddihom lilu u hu għaddihom lil Joanne, l-imputat wieġeb li Gauci qatt m'għadda flus lilu.

Mistoqsi għalfejn meta kienu saret it-tfittxija fir-residenza tiegħu hu kien naqas li jindika lill-Pulizija li kellu garaxx ieħor, l-imputat wieġeb li ma kienx ġieh f'moħħu li riedu jfittxu ġo fih u anke għaliex ma kienx tiegħu.

Mistoqsi jekk kienx hu li ġiegħel lil Gauci sabiex jagħmlu r-rapport, l-imputat wieġeb li kien ħabib ta' Gauci li qalilhom jagħmlu r-rapport.

Meta muri l-ircevuti minn fejn jirriżulta li mal-pagamenti l-ammont ta' self kien qed jiżdied u mhux jonqos, l-imputat sostna li m'għandux idea. Mistoqsi jekk allura kienx qed jiffirma l-ircevuti mingħajr ma jaqra x'fihom, l-imputat wieġeb li ħafna drabi l-flus kienet tagħtihomlu fuq il-post tax-xogħol. Hu ma kienx ikollu kopji tal-ircevuti. Mistoqsi jekk kinux saru pagamenti u li tagħhom m'hemm ricevuta, ix-xhud qal li kull meta sar pagament dejjem kien hemm ricevuta.

Mistoqsi wkoll kif kien accetta zewg cekkijiet ta' sitt elef ewro (€ 6,000) meta ma kienx għad baqagħlu jiġbor ammont kbir, l-imputat insista li hija

kienet għadditlu c-cekkijiet biex isarrafhom f'isimha, jieħu d-differenza, jitnaqqas l-ammont ta' Paul Gaui u l-kumplament teħodhom hi.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet konflinġenti dwar dak li seħħ bejn il-partijiet:

(a) Minn naħa hemm il-verżjoni tal-parte civile Joanne Sciberras li tgħid li hija kienet isellfet biss l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) mingħand l-imputat u li hija spiccat ħallsitu ferm aktar minn dan l-ammont għax kull darba kien dejjem jitlobha ammont akbar meta ma tħallasx fil-ħin. Hija spiccat tħallas interessi b'rata ferm ogħla minn dak permissibbli mil-liġi;

(b) minn naħa hemm il-verżjoni tal-imputat li qed jgħid li huwa sellef lil Joanne l-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000) permezz ta' tlett (3) pagamenti separati. Dan bħala sehmu min-negozju ta' bejgħ ta' luminata u xorb ieħor li kellu jsir bi sħab bejn il-partijiet. Sieħeb l-l-imputat Paul Gauci sellef lil Joanne Sciberras l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000). Fuq dan is-self Gauci kellu jagħmel ħames mitt ewro (€ 500) qliegħ. Gauci min-naħa tiegħu jgħid li l-flus huwa għaddihom lill-imputat biex dan jgħaddihom lil Joanne Sciberras u li huwa qatt m'għadda dawn il-flus lil Sciberras. L-imputat jiċħad dan u jgħid li l-karta li saret fejn hemm dikjarat li huwa ħa l-flus mingħand Gauci kienet saret biex Gauci ma jkollux problemi ma' martu.

**Ikkunsidrat:**

- **<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Natura Legali</u>**

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-

ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatt li Qorti tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti, ma jfissirx li allura l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-

htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[1]

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Id-difiża tipprova tiskredita l-kredibbilita tal-parte civile u tad-deposizzjoni tagħha billi isostni li hija ġiet kundannata numru ta' drabi għall-frodi. Infatti d-difiża tesebixxi numru ta' sentenzi biex isostni t-teżi tagħha. Apparti minn hekk in-nota ta' sottomissjonijiet preżentata mill-istess difiża hija kollha marbuta ma' dan il-punt. Għalkemm possibilment dawn is-sentenzi jistgħu jkunu rilevanti għar-reputazzjoni ġenerali tal-parte civile, **b'daqshekk pero ma jeskludux a priori l-kredibbilita tagħha** b'mod li kull kelma li tgħid m'għandix tiġi emmnuta. L-importanti huwa li issir evalwazzjoni tajba tax-xhieda qabel mal-Qorti tasal biex isserraħ fuq tali xhieda. Il-Qorti tirrileva li anke meta l-uniku xhud kontra akkużat ikun komplici, il-Qorti xorta tista' tagħti kredibbilita lil dan ix-xhud jekk mill-eżami tax-xhieda tiegħu jirriżulta li huwa kredibbli.[2] Aħseb u ara meta x-xhud ma jkunx komplici u l-unika oġġezzjoni għax-xhud hija l-fedina penali tiegħu jew kundanni oħra li seta' kellu qabel! Din il-Qorti għalhekk mhux sejra teskludi dak li xehdet Joanne Sciberras sempliciment fuq il-kundanni li seta' kellha precedentement.

- **L-Ewwel Imputazzjoni – Ir-Reat tal-Użura (Artikolu 298C(1))**

Kif ġia senjalat din il-Qorti hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti tal-akkadut: minn naħa l-verżjoni tal-parte civile Joanne Sciberras li hija kienet issellfet biss l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u minn naħa l-verżjoni tal-imputat li qed jgħid li huwa sellef l-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000) lill-parte civile għax it-tnejn kienu sejrin jidħlu f'negozju bi sħab.

[2] Ara Artikolu 639(3) tal-Kap. 9.

Din il-Qorti **fliet metikolożament u fit-tul** il-verżjonijiet li taw il-partijiet kif wkoll l-istqarrijiet li irrilaxxa l-imputat lill-Pulizija wara li kienu ġew mogħtija lilu d-drittijiet legali u waslet għall-konklużjoni li fil-verżjoni mogħtija mill-imputat hemm ħafna affarijiet li ma jinkwadrawx. Kuntrarjament il-verżjoni tal-parte civile fil-proceduri odjerni kienet waħda dejjem uniformi u fl-ebda ħin ma biddlet il-verżjoni tagħha, anke matul il-kontro-eżami serrat li sarilha. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-parte civile kienet verament vittma ta' uzura ad istanza tal-imputat u li hija spiccat ħallset ferm aktar flus lill-imputat mis-self oriġinali ta' elfejn ewro (€ 2,000) li kien sar lilha mill-istess imputat.

Il-prova principali huma l-ircevuti li ġew preżentati. L-imputat ma jikkontestax il-fatt li l-firma fuq l-istess ricevuti a fol. 25 kienu tiegħu u fil-fatt sar anke verbal f'dan is-sens mid-difiża.[3] Pero meta mistoqsi rigward dawn l-ircevuti xott xott jgħid li m'għandux idea tagħhom u jkompli jgħid li hija kienet tmur issibu fuq il-post tax-xogħol biex jiffirma dawn l-ircevuti.[4] Din il-Qorti issibha difficli biex temmen li l-imputat ma kienx jaqra dak li kien qed jiffirma. Fil-każ indikat mill-imputat stess fejn Paul Gauci mar fejnu biex jiffirmalu l-karta li ha erbat elef ewro (€ 4,000) mingħandu biex Gauci jkolli x'juri lill-mara, l-imputat qatt jaqraha u fi kliemu iddejjaq jiffirmaha (għaliex skont l-istess imputat) ma kien rcieva l-ebda ammont ta' flus. Lil Gauci kien jafdah suppost għaliex kien sħab miegħu fuq ix-xogħol. Jekk allura fil-każ ta' Gauci qagħad jifli l-iskrittura, huwa inverosimili li fil-każ ta' Sciberras l-imputat ma kienx konxju ta' dak

[3] Ara verbal tas-seduta tad-disgħa (9) ta' Mejju 2018 a fol. 195
[4] Kontro-eżami tal-imputat a fol. 287 - 288 tal-process.

li kien qiegħed jiffirma. Huwa għalhekk li din il-Qorti assolutament ma temminx li l-imputat ma kienx konxju tal-kontenut tal-ircevuti li kien qiegħed jiffirma.

Fit-termini tal-istatements tal-bank li ġew preżentati, ma jirriżultax li l-imputat kellu fondi sufficjenti biex joħroġ l-ammont ta' sitt elef ewro (€ 6,000). L-imputat infatti kien konxju ta' dan u fil-fatt ipprova jiġġustifika dan il-fatt billi fl-istqarrija jgħid li kien ibiegħ il-gwież u anke kien involut fin-negozju tal-ħamiem. Fix-xhieda tiegħu imbagħad quddiem din il-Qorti issemmi li kien jagħmel xogħol ta' kisi. Dan meta x-xogħol ta' kisi fl-istqarrija ma semmiehx. Lanqas f'din il-ħaġa x-xhud ma kien konsistenti!!

Il-Qorti kellha l-opportunita wkoll li teżamina l-rcevuti preżentati. Kif irrilevat l-Ufficjali Prosekutur fix-xhieda tagħha u anke mill-kalkolu magħmul minn PC 724 Marco Pisani, huwa car li man man li kienu qegħdin jsiru l-pagamenti u suppost għalhekk l-ammont dovut kien qed jonqos, f'punt minnhom l-ammont dovut spicca żdied b'ħamsin fil-mija (50%). Dan hekk kif jirriżulta mill-ircevuta tat-28 ta' April 2016. L-ammont ma żdiedx bi tmienja fil-mija (8%) biss u cioe r-rata permissibli mil-liġi bħala interessi. Dwar dan il-fatt l-imputat baqa' ma ta l-ebda ġustifikazzjoni konvincenti ħlief li attakka l-kredibbilita tal-parte civile.

Hemm diversi aspetti oħra fl-atti li jkomplu jxejnu l-kredibbilita tal-imputat vis-a-vis il-parte civile:

(a) L-imputat jgħid li huwa beda jitkellem mal-parte civile fl-okkażżjoni li hija marret l-Isptar għaliex kellha appuntament b'rabta mat-tqala tagħha. Din kienet l-ewwel darba li kellimha. Hi kienet qegħda tibki għaliex t-tarbija li kienet qed iġorr setgħet titwieled b'xi problemi. F'din l-istess okkażżjoni kien sar id-diskors dwar in-negozju tal-luminata u xorb ieħor. Din il-Qorti issibha difficli biex temmen biex xi ħadd jaccetta li jibda jiddiskuti u jaccetta li jidħol sħab f'negozju ma' persuna li jkun raha u tkellem magħha darba biss. Aktar u aktar li jaccetta li jaqbad u joħroġ ammont sostanzjali ta' flus b'rabta mal-imsemmi negozju. Barra minn hekk din il-Qorti issaqsi wkoll x'moħħ seta' jkollu individwu biex jitkellem fuq negozju fl-istess ħin li jkun mar l-Isptar biex jitkellem ma' professur minħabba kumplikazzjonijiet fit-tqala;

(b) L-imputat ma jagħtix dettalji dwar in-negozju li kien se jsir bejniethom rigward l-importazzjoni ta' dan ix-xorb. Jgħid li l-parte civile kienet wrietu xi dokumenti b'rabta max-xorb li kienet sejra iġġib. Pero fid-deposizzjoni tiegħu ma jagħtix dettalji dwar dan. L-imputat lanqas jidher li talab għall-aktar informazzjoni dwar dan in-negozju. Dan minkejja li kellu kull interess peress li skont hu kien ħareġ sitt elef ewro (€ 6,000);

(c) Il-parte civile ticħad li hija tkellmet fuq xi negozju mal-imputat. Kienet dejjem konsistenti f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra Paul

Gauci wkoll jikkonferma li fl-okkażżjoni jew okkażżjonijiet li hu iltaqa' ma' Joanne Sciberras, hi qatt ma semmiet li kien hemm xi negozju involut;

(d) L-imputat ħass li kellu jafda lill-parte civile billi għaddihielha l-ammont ta' erbat elef ewro (€ 4,000) mingħajr ma saret l-ebda forma ta' skrittura u imbagħad għażel biss li jiffirma skrittura fl-okkażżjoni biss meta ġew mgħoddija dak li jgħid li kien l-aħħar pagament ta' elfejn ewro (€ 2,000) mis-sitt elef (€ 6,000). Huwa stramb wkoll kif kien hemm il-ħtieġa li dan l-aħħar pagament joqgħod jgħaddi quddiem l-Avukat meta l-pagamenti l-oħra ma kinux saru quddiem l-Avukat tal-fiducja tal-imputat. Dan aktar ikompli jsaħħaħ il-konvinciment tal-Qorti li l-iskrittura kienet biss bħal speci ta' paraventu "legali" sabiex taħbi l-użura adoperata mill-imputat. Kien propju għalhekk li l-iskrittura saret fl-okkażżjoni tal-aħħar pagament u mhux qabel. Din il-Qorti tqis li l-Avukata Pulis messha qagħdet aktar attenta u irrifjutat li tifformula l-iskrittura. Hija messha daħlet f'aktar dettal dwar dak li kien qiegħed jiġri jew kien sejjer jiġri bejn il-partijiet u jekk kellha suspett li kienet sejra issir xi ħaġa li kellha xamma ta' illegalita kien messha irrifjutat li tifformula l-istess skrittura.

(e) Fl-okkażżjoni li sar ir-rapport mal-Pulizija Eżekuttiv, l-imputat naqas li jinforma lill-Pulizija li mill-ammont li allegatament huwa kien għadda lill-parte civile huwa kien ġia rcieva ammont sostanzjali minnu permezz ta' diversi pagamenti li kienu saru u li hu kien iffirma għalihom. L-imputat jinsisti li min kien qiegħed

jieħu r-rapport ma saqsieh l-ebda mistoqsija dwar dan. Pero kif irrimarkat l-Ufficjal Prosekutur, dan kien dettal importanti li kien mistenni li l-imputat jgħaddih lill-ufficjal investigatur. Ma kienx dettal li wieħed jinsieh facilment fil-kuntest ta' rapport li qed isir għaliex huwa allegatament safa vittma ta' misapproprjazzjoni;

(f) Waqt is-smiegħ tal-każ, l-imputat jindika li l-idea li jsir dan ir-rapport kien ta' xi ħabib ta' Paul Gauci. Dan meta fl-istqarrijiet li l-imputat ta lill-Pulizija dan il-punt assolutament ma jsemmieh xejn;

(g) Il-fatt li sar l-affidavit – liema affidavit jidher sar fuq talba tal-istess imputat – huwa indikattiv kif kien hemm pressjoni qawwija da parti tal-imputat biex l-parte civile tħallas l-ammont li kien qed jippretendi l-imputat. Infatti l-istess imputat ħass il-bżonn li jikkonferma man-Nutar li quddiemu ittieħed il-ġurament dwar ic-cekkijiet biex jiżgura ruħu li verament kien ittieħed dak il-ġurament. Apparti minn hekk wieħed isaqsi x'kien l-iskop li l-imputat iżomm iż-zewġ cekkijiet meta hu kellu biss jiġbor l-ammont ta' sitt elef ewro (€ 6,000). Jekk kif jgħid l-imputat Gauci kien għadda l-flus direttament lill-parte civile, seta' facilment indika lill-parte civile biex it-tieni cekk tgħaddih lil Gauci. Dan pero ma sarx;

(h) L-imputat ma ftakarx eżattament kemm ġabar flus. Huwa jikkalkula li rcieva l-ammont ta' erbat elef u ħames mija (€ 4,500).

Pero huwa mhux cert dwar dan.[5] Jekk verament kellu interess li jiġbor flusu li ħareġ, l-anqas ħaġa li setaʼ jagħmel kien li jivverifika bil-preċiż l-ammont li tħallas u kemm kien għad baqagħlu jiġbor.

Fid-dawl tal-premess, l-imputat ma jistax jitqies kredibbli. Il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ippruvata. Mill-provi akkwiżiti huwa car li l-parte civile ħallset lill-imputat l-ammont totali taʼ sitt elef mitejn u ħamsin ewro (€ 6,250). Dan meta l-ammont misluf kien biss taʼ elfejn ewro (€ 2,000). Jekk wieħed jikkalkula l-interessi bir-rata taʼ tmienja fil-mija (8%) mis-sitta (6) taʼ Ottubru 2015 sal-ahhar taʼ April 2016 (meta jirrizulta skont id-dokument MP 1[6] li l-ammont taʼ elfejn ewro (€ 2,000) kien tħallas fl-intier tiegħu) tali interessi kienu jitilgħu biss għall-ammont taʼ tlieta u disgħin ewro (€ 93). Huwa car għalhekk li l-imputat żamm aktar interessi minn dak li kienet tippermetti l-liġi. Dan ifisser għalhekk li l-imputat irid jirrifondi lura lill-parte civile l-ammont taʼ erbat elef mija u sebgħa u ħamsin ewro (€ 4,157)[7]. Il-Qorti sejra tagħti l-provvedimenti opportuni fid-decide tagħha dwar dan.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni – Biżaʼ li Sejra Tintuża Vjolenza (Artikolu 251(3) / 251B)</u>**

Għar-rigward din it-tieni imputazzjoni, mhuwiex car jekk il-Prosekuzzjoni hux qed tikkontempla r-reat taħt l-artikolu 251(3)

[5] Fol. 281 tal-process.
[6] Ara fol. 208 u 209 tal-process.
[7] Dan jirriżulta billi mill-ammont taʼ € 6,250 li ħallset il-parte civile jitnaqqsu l-ammont taʼ € 2,000 li kienet isellfet oriġinarjament kif wkoll l-ammont taʼ interessi bir-rata taʼ 8% kalkulat fuq perijodu taʼ 7 xhur sakemm hija ħallset il-kapital kollu.

(għalkemm fil-komparixxi tindika dan l-artikolu) jew inkella r-reat taħt l-artikolu 251B. Fi kwalunkwe każ pero din il-Qorti tqis li ma inġabux provi sufficjenti biex jingħad li l-imputat ikkawża biża li se tintuża vjolenza kontra l-parte civile. Il-parte civile tagħmel riferenza għal theddid bil-pulit pero ma tispecifikax bil-preċiż x'kien dan it-theddid bil-pulit. Il-Qorti tifhem li seta' kien hemm pressjoni da parti tal-imputat biex iġiegħel lill-parte civile sabiex jsiru l-ħlasijiet tal-flus – kif del resto għamel meta ġagħla tagħmel affidavit rigward ic-cekkijiet – pero dan ma jammontax necessarjament għall-biża li tintuża vjolenza. Ir-reat taħt l-artikolu 251B wkoll għandu jiġi eskluż għaliex ma inġabet l-ebda prova dwar il-*course of conduct* rikjest minn dan l-artikolu għal sejbien ta' ħtija. Din l-imputazzjoni għalhekk ma tirriżultax.

- **It-Tielet Imputazzjoni – Ħolqien ta' Tracci ta' Reat (L-Artikolu 110(1))**

L-ewwel sub-inciz tal-artikolu 110(1) jistabilixxi li: *"Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**[8] deciza mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano spjegat fid-dettal u

[8] Deciza fis-16 ta' Frar 1998.

b'mod tajjeb hafna l-import tal-artikolu 110. B'riferenza ghas-sub-inciz (1) ta' dan l-artikolu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrimarkat li:

> *"ir-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent, ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."*

B'rabta ma' dan is-sub-inciz il-Professur Mamo fin-noti tieghu jikkummenta: *"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists*

*in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence . . . . Whereas, however, in the case of the calumnious accusation properly so called i.e the crime under Section 99 [now section 101] such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*[9]

Din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Luigi Duca** deciza fil-hamsa (5) ta' Ottubru 2018 kienet irrimarkat wkoll li: *"mid-dicitura tal-ligi jidher illi din il-forma ta' kalunja [cioe` ir-reat kontemplat taht l-artikolu 110(1)] trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati."*[10]

Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma irriżultax li l-imputat ħoloq tracci jew indizji materjali bil-ħsieb li dawn jkunu jistgħu jintużaw kontra Joanne Sciberras. Huwa sempliciment illimita ruħu sabiex għamel rapport kontra Joanne Sciberras. La darba l-ħolqien tal-provi huwa element krucjali għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu u tali element ma irriżultax mill-provi, ma tistax tinstab ħtija taħt dan l-artikolu.

[9] Mamo. A., Notes on Criminal Law, Vol. II, pagna 58
[10] Pagna 22 tas-sentenza.

- **<u>Ir-Raba' Imputazzjoni – Simulazzjoni ta' Reat (L-Artikolu 110(2))</u>**

Dan l-artikolu jistabilixxi li: *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

B'riferenza għal dan l-artikolu il-Professur Mamo fin-noti tiegħu jispjega li:

> *"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it....... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not therefore the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged...... The simulation may be either verbal or direct or real and indirect. The former must consist in a denunciation, that is an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information or report or complaint; so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it.... Finally, the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation....*

*A real or indirect simulation would be had in the case of a person who, in order to make believe that he is a victim of a crime, creates traces of the offence in order to give an appearance of reality to the simulated crime, in such a manner as to cause the Police to further investigations and the enquiry of the in genere leading to the discovery of the author of the supposed crime."*[11]

Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru 2010 fejn il-Qorti kienet irrimarkat li: *"F'dan il-każ l-appellant specifika l-persuni li dwarhom irraporta allegati movimenti u intricci. Għalhekk ma setax jinstab ħati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2)."* Fil-każ in diżamina l-imputat specifika li r-rapport kien qed isir kontra persuna partikolari preciżament kontra Joanne Sciberras. Dan ikkonfermawh wkoll l-eks Spettur William Scicluna kif wkoll PC 142 Joseph Camilleri li ħadu r-rapport oriġinali. La darba għalhekk ir-rapport sar kontra persuna partikolari, dan allura jeskludi s-sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu.

- **Il-Ħames Imputazzjoni Ir-Reat tal-Kalumnja (Artikolu 101(1))**

L-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jattribwixxi responsabbilita kriminali lil kull minn: *"bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti."* Komunement dan ir-reat huwa magħruf bħala dak tal-

[11] Mamo A., Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955, fol. 60

kalumnja verbali jew diretta. B'riferenza għal dan ir-reat fin-noti tiegħu l-Professur Mamo jgħallem li *"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."*

L-elementi ta' dan ir-reat huma prattikament tnejn:

(a) ir-rapport falz jew id-denunzja falza, liema rapport u denunzja jridu jkunu tali illi abbazi tal-istess, azzjoni kriminali tista' tittieħed jew tkun ittieħdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati; u

(b) L-intenzjoni tal-persuna li hija tagħmel ħsara lill-persuna jew persuni illi jiġu akkuzati inġustament;

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sebgha (7) ta' Novembru 1949 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincenzo Attard**, il-Qorti kienet ikkummentat li: *"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."*

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Seychell**[12] kompja jingħad li: *"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha*

---

12 Deciza fis-sbatax (17) ta' Ottubru 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."* Dan ġie ribadit wkoll f'sentenza aktar ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciza fil-hmistax (15) ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti irribadiet li: *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalumnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*[13]

Fil-każ in eżami huwa car li sar rapport lill-Pulizija Eżekuttiva fi sforz sabiex l-istess Pulizija tressaq il-Qorti lill-parte civile u takkużaha b'misapproprjazzjoni ta' flus jew b'reati oħra ekonomici. Infatti l-istruzzjonijiet fl-istess rapport bil-miktub kienu: *"Nixtiequ illi l-Pulizija tinvestiga dan ir-reat u tressaq il-Qorti lill-persuna ikkoncernata."* Ir-rapport li sar ġie konfermat minn PC 142 J Camilleri. L-istess imputat ma jiċħadx li effettivament hu kien għamel dan ir-rapport. Dan meta l-istess imputat kien konxju li huwa kien sellef biss l-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) lill-parte civile għall-bżonnijiet finanzjarji tagħha u li ma kien hemm l-ebda negozju involut bejn il-partijiet. A skans ta' ripetizzjoni issir

[13] Ara wkoll sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marica Muscat deciza fit-tnax (12) ta' Dicembru 2011 (Kaz Nru 279/2008).

riferenza għall-kunsiderazzjonijiet li ġia saru b'rabta mal-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti tqis li huwa ovvju li dan ir-rapport sar b'żewġ skopijiet: (a) l-ewwel nett sar biex tiġi arrekata ħsara lill-parte civile u biex b'xi mod tiġi affettwata l-kredibbilita tagħha. Infatti waqt li kien qed jagħmel ir-rapport, l-imputat fl-ebda ħin ma semma li kien rcieva ammont sostanzjali mill-ammont li allegatament kien sellef; (b) fit-tieni lok jidher wkoll li dan ir-rapport sar bl-iskop biex b'xi mod iservi ta' paraventu għall-użura li kienet ġiet imwettqa mill-istess imputat. Dan jirrendi l-fatt aktar gravi. Din l-imputazzjoni għalhekk tirriżulta ippruvata.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **<u>mhux</u>** qiegħda issib lill-imputat Malcolm Vassallo ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tar-raba' (4) imputazzjoni u qiegħda għalhekk tilliberah minnhom;

**(b)** wara li rat l-artikoli 18, 101(1), u 298C(1)[14] u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib lill-imputat ħati</u>** tal-ewwel (1) u l-ħames (5)

[14] 298Ċ. (1) Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60).

imputazzjonijiet u qiegħda tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).**

Iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' tmintax-il xahar priġunerija għal żmien erba' snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbilta' tieghu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

**In oltre a tenur tal-artikolu 298C(5)[15] tal-Kap. 9 il-Qorti qegħda tikkundanna lill-imputat sabiex mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza iħallas lill-parte civile Joanne Sciberras l-ammont ta' erbat elef, mija u sebgħa u ħamsin ewro (€4,157) rappreżentanti imgħaxxijiet li rcieva l-imputat b'eccess minn dan permess mil-liġi.**

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

---

[15] (5) Meta, matul proċeduri kriminali għal reat taħt dan l-artikolu jiġi ppruvat quddiem il-qorti li l-akkużat irċieva mingħand xi persuna oħra ammont ta' mgħax, jew korrispettiv f'ammont, b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li xort'oħra jkun sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti, il-qorti għandha tordna lill-akkużat iħallas lill-persuna l-oħra dak l- ammont li jista' jiġi stabbilit mill-qorti bħala li jkun l-eċċess li jkun irċieva l-akkużat kif ingħad qabel. Dak l-ordni tal-qorti jkun bla ħsara għal xi dritt ta' dik il-persuna l-oħra biex tiġbor b'xi mod ieħor kull ammont akbar dovut lilha u l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu esekuttiv li jista' jiġi esegwit bħallikieku kien sentenza finali mogħtija f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna li lilha jiġi ordnat il-ħlas.